PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

# P.L. 7793

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 430 tat-24 ta' Ottubru 2016 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

# PETIZZJONI

# INĦARSU LIR-ROTUNDA

Settembru - Ottubru 2016

Onorevoli Dr. Angelo Farrugia
President, Kamra tad-Deputati

24 ta' Ottubru, 2016

Onorevoli,

**Petizzjoni - Inħarsu lir-Rotunda**

Aħna li hawn taħt iffirmati xtaqna umilment inressqu għall-attenzjoni tiegħek, bħala President tal-Kamra tad-Deputati, din il-petizzjoni ffirmata minn ftit aktar minn ħames t'elef persuna. Dawn il-firem bl-idejn inġabru bejn it-Tlieta, 27 ta' Settembru 2016 u l-Ġimgħa, 7 ta' Ottubru 2016. Dawk li ħadu sehem fil-petizzjoni "online" setgħu jagħmlu dan bejn is-Sibt, 1 t' Ottubru 2016 u s-Sibt, 15 t' Ottubru 2016.

Aħna napprezzaw il-fatt li kemm il-Gvern Ċentrali kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-Mosta qegħdin jieħdu nteress fin-nuqqas ta' parkeġġ fil-Mosta. Madanakollu, nesprimu l-preokkupazzjoni tagħna għall-proposta ta' *Projects Malta* li jinbena parkeġġ taħt l-art ħdejn u/jew wara l-knisja minħabba ħsarat strutturali fil-bini tar-Rotunda li jista' jkun hemm kemm issa kif ukoll fil-futur.

Aħna fiduċjużi li, bħalna, il-Kamra tad-Deputati għandha għal qalbha il-patrimonju Malti. Għal daqstant, b'rieda tajba, żgur li jistgħu jinstabu rimedji oħra fejn dan l-*underground carpark* jsir bla ma jipperikola b'ebda mod dan il-monument arkitettoniku.

Filwaqt illi inroddulek ħajr li għoġbok taċċetta din il-petizzjoni umli tagħna, nħallu f'idejk biex, meta jidhirek illi jkun il-waqt opportun, tressaqha għall-attenzjoni tal-Kamra.

Ghoddna dejjem tiegħek,

Sinjorina Carmen Borg
0162645M

Sur Albert Cassar
0378974M

Dr. Emanuel Chetcuti
0259678M

Sur Raymond Grech
0384365M

Sur Mark Micallef Perconte
0391785M

Sur William Muscat
0149785M

Sur Shawn Saliba
39086M

Dr. Sandro Vella
0401975M

Jien li hawn taħt iffirmat, waqt li napprezza l-fatt li kemm il-Gvern Ċentrali u kif ukoll il-Kunsill Lokali qed jieħdu interess fil-problema tal-parkeġġ fil-Mosta, nixtieq nuri li ma naqbilx li l-'Car Park' jsir ħdejn jew wara l-Knisja Arċipretali kif propost minn Project Malta, u dan minħabba l-possibilita' ta' ħsarat strutturali fil-bini tal-knisja li jista' jkun hemm kemm issa u kemm fil-futur.

| Isem u kunjom | Numru tal-Karta tal-Identita' | Firma |
|---|---|---|